

- 2) Skype Ultd u Sky International AG għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom u kull waħda minnhom għandha tbatu nofs l-ispejjeż sostnuti mill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI).

(<sup>1</sup>) ĠU C 46, 9.2.2015.

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-26 ta' Jannar 2016 – Permapore vs UASI – José Joaquim Oliveira II – Jardins & Afins (Terraway)**

(Kawża T-277/15) (<sup>1</sup>)

*(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva Terraway — Trade marks nazzjonali u internazzjonali verbali preċedenti TERRAWAY — Ċaħda parzjali tal-oppożizzjoni — Nuqqas ta’ osservanza tal-obbligu ta’ ħlas tal-ispejjeż tal-appell fit-terminu — Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell li tiddikjara li l-appell huwa meqjus li ma għiex ippreżentat — Rikors manifestament infondat fid-dritt”)*

(2016/C 106/40)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

**Partijiet**

Rikorrenti: Permapore Ltd (Nenagh, l-Irlanda) (rappreżentant: J. Sales, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Schifko, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: José Joaquim Oliveira II – Jardins & Afins Lda (Grijó, il-Portugall) (rappreżentanti: M. Oehen Mendes, R. Duarte Morais, M. Ribeiro da Fonseca u S. Luís Dias, avukat)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tal-5 ta' Marzu 2015 (Każ R 2496/2014-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn José Joaquim Oliveira II – Jardins & Afins Lda u Permapore Ltd.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Permapore għandha tbatu l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill- Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI).
- 3) José Joaquim Oliveira II – Jardins & Afins Lda għandha tbatu l-ispejjeż tagħha.

(<sup>1</sup>) ĠU C 245, 27.7.2015.

**Rikors ippreżentat fil-31 ta' Lulju 2015 – Voigt vs Il-Parlament**

(Kawża T-618/15)

(2016/C 106/41)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrent: Udo Voigt (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: P. Richter, avukat)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

**Talbiet**

- tannulla r-rifjut mill-President tal-Parlament Ewropew li jipprovdi aċċess għal bini tal-Parlament Ewropew għall-konferenza stampa tar-rikorrent prevista għas-16 ta' Ġunju 2015;
- tannulla l-projbizzjoni ta' aċċess imposta mill-President tal-Parlament Ewropew fil-konfront tal-parteċipanti Russi għall-konferenza tas-16 ta' Ġunju 2015;
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoċa żewġ motivi.

**1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur tat-Trattati**

- Ir-rikorrent isostni li ċ-ċaħda tat-talba għall-użu ta' bini u l-projbizzjoni ta' aċċess imposta fuq il-parteċipanti Russi jiksru t-Trattati jew l-istandards applikabbli fl-implementazzjoni tagħhom.
- Konformement mar-Regoli dwar il-laqgħat tal-gruppi politiċi, tal-4 ta' Lulju 2005, ir-rikorrent għandu d-dritt li jingħata għad-dispożizzjoni tiegħu l-bini mitlub. L-ebda raġuni għal rifjut eċċezzjonali ma tirriżulta għaliex il-bini ma kienx okkupat fil-ħin rilevanti u l-konferenza stampa prevista ma kinitx tikkostitwixxi periklu la għas-sigurtà u lanqas għall-funzjonament tajjeb tal-Parlament. B'hekk, ir-rikorrent ġie prekluż mill-i jipprovdi informazzjoni dwar ix-xogħol Parlamentari tiegħu.
- Il-projbizzjoni ta' aċċess imposta fuq il-mistednin Russi tikser il-projbizzjoni ta' kull diskriminazzjoni bbażata fuq l-orijini etnika u n-nazzjonalità [Artikolu 21(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea].

**2. It-tieni motiv ibbażat fuq użu ħażin ta' poter**

- Ir-rikorrent isostni li l-atti tal-President tal-Parlament Ewropew huma manifestament totalment arbitrariji u dijametrikament opposti għall-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni stabbilita fid-dritt primarju.

---

**Rikors ippreżentat fil-21 ta' Jannar 2016 – M/S. Indeutsch International vs UASI – Crafts Americana Group (Rappreżentazzjoni ta' kurvi rripetuti bejn linji paralleli)**

(Kawża T-20/16)

(2016/C 106/42)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: M/S. Indeutsch International (Noida, l-Indja) (rappreżentanti: D. Stone, D. Meale, A. Dykes, Solicitors, u S. Malynicz, Barrister)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Crafts Americana Group, Inc. (Vancouver, l-Istati Uniti)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI**

Proprietarju tat-trade mark ikkontestata: ir-rikorrent

Trade mark ikkontestata kkonċernata: trade mark Komunitarja (Rappreżentazzjoni ta' kurvi rripetuti bejn linji paralleli) – trade mark Komunitarja Nru 8 884 264